**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 236/2022 DC**

***Bank of Valletta Plc (C2833)***

***vs***

***Alfred u Antonia miżżewwġin Zammit***

Illum, 14 ta' Diċembru 2023

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' attriċi Bank of Valletta plc ippreżentat fis-17 ta' Marzu, 2022 permezz ta' liema ppremettiet is-segwenti:-

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' żewġ kuntratti datat 16 ta' Mejju 1998, in atti Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel) (Dok A u B) u permezz ta' skrittura privata datata 6 ta' Diċembru 1999 (Dok C), is- soċjeta attriċi kkonċediet faċilita' bankarja lill-konvenuti Alfred u Antonia miżżewġin Zammit.*

2. *Illi s-soċjeta attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Alfred u Antonia miżżewġin Zammit fis-somma ta' tlett mija u erbgħa u tmenin elf lett mija u tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€384,358.93), kwantu:-*
   (i) *Għas-somma ta' mija u wieħed u disgħin elf u u disghin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€ 91,090.51) bilanċ għad-debitu fil- House Loan Account ta' Alfred u Antonia miżżewġin*

*Zammit (Dok F1 sa F8), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-16 ta' Settembru 2021 sal- jum tal-pagament effetiv;*

(ii) *Għas- somma ta' sebgħa u sebgħin elf u tnejn u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€77,082.90) bilanċ għad-debitu fl-Overdraft Account ta' Alfred u Antoina miżżewġin Zammit (Dok D1 sa D2); u*

(iii) *Għas-somma ta' mija u sittax – il elf, mija u ħamsa tmenin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€116,185.52) bilanċ għad-debitu fil-Home Loan Account ta' Alfred u Antonia miżżewġin Zammit (Dok E1 sa E6).*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżebiti bħala Dokument A, B u C) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Alfred u Antonia miżżewġin Zammit:*
   (a) *naqsu milli jħallsu l l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati , u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Alfred u Antonia miżżewġin Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.*

4. *Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenuti Alfred u Antonia miżżewġin Zammit ġew interpellati permezz ta' ittra uffiċjali datata 25 ta' Awwissu 2020, li kopja tagħha qed tiġi eżebita u immarkata Dok Dok G sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huma baqgħu indampjenti u għal din ir-raguni kellġa ssir din il-kawża.*

U wara li hekk ippremettiet talbet:-

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet bħala imsemmija fil kuntratti u skrittura privata fuq imsemmija u (u hawn eżebiti bhala Dokument A, B u C), partikolarment imma mhux esklussivament billi Alfred u Antonia miżżewġin Zammit (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif*

*stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata, (b) kienu indaempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Alfred u Antonia miżżewġin Zammit li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita' tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi, u*

2. *Tikkundanna lil Alfred u Antonia miżżewġin Zammit iħallsu flimkien in solidum lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' tlett mija u erbgħa u tmenin elf, tlett mija u tmienja u ħamsin Ewro u tlieta u tlieta u disgħin ċenteżmu (€ 384,358.93), kwantu:-*

(i) *Għas-somma ta' mija u wieħed u disgħin elf u disgħin Ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€191,090.51) bilanċ għad-debitu fil-House Loan Account ta' Alfred u Antonia miżżewġin Zammit (Dok F1 sa F8), flimkien mal-imgħaxijiet ulterjuri mis-16 ta' Settembru 2021 sal-jum tal-pagament effettiv;*

(ii) *Għas-somma ta' sebgħa u sebgħin elf u tnejn u tmenin Ewro u disgħin ċenteżmu (€77,082.90) bilanċ għad-debitu fl-Overdraft Account ta' Alfred u Antonia miżżewġin Zammit (Dok D1 sa D2); u*

(iii) *Għas-somma ta' mija u sittax -il elf, mija u ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€116,185.52) bilanċ għad-debitu fil-Home Loan Account ta' Alfred u Antonia miżżewġin Zammit ( Dok E1 sa E6).*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta l-ittri uffiċjali datata 25 ta' Awwissu 2020 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Alfred Zammit u Antonia Zammit permezz ta' liema eċċepixxew is-segwenti:-

1. *Illi din ir-risposta qegħda tiġi intavolata in segwitu tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti datat nhar it-22 ta' Marzu, 2022 u r-rikors ġuramentat tal-bank BOV plc, imressaq nhar is-17 ta' Marzu, 2022;*

2. *Illi l-esponent qegħdin jikkontestaw il-fatti hekk kif eċċepiti mis-soċjeta' rikorrenti u dana hekk kif ser jirriżulta fil-*mori *tal-kawża u d-dokumenti li ser jiġu ppreżentati;*

3. *Illi l-intimati kienu qegħdin jikkomunikaw ma' rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi, u infurmawhom illi huma disposti jħallsu kwalunkwe arretrati dovuti inkluż l-interessi, u għalhekk m'għandhomx jinżammu responsabbli għad-*danni;

4. *Illi l-esponenti kienu f'komunikazzjoni diretta mas-soċjeta' attriċi u dejjem* urew interess *jonoraw l-obbligi tagħhom, hekk kif jirriżultaw mill-faċilitajiet finanzjarji rispettivi mertu ta' din il-kawża;*

5. *Illi, minghajr preġudizzju għas-*suespost *l-esponenti jikkontendu mill-fatti hekk kif ser jirriżultaw mill-proċedura odjerna illi jeżistu diskrepanzi li jirrikjedu kjarifika fuq kif l-Bank BOV plc wasal għat-totali tiegħu in kwantu jikkonċerna l-*interessi applikabbli;

U wara li hekk eċċepixxew, talbu:-

1. *Tiċħad l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi, u dan għar-raġunijiet suċitati u kif ukoll dawk li ser jirriżultaw waqt il-mori ta' dawn il-proċeduri;*

2. *Tiċħad it-tieni talba, minħabba r-raġunijiet, u dawk li ser jirriżultaw fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[1].

Semghet il-provi tal-bank attur.

Rat id-degiet mgħoti fit-28 ta' Settembru 2023 meta l-Qorti iddikjarat il-provi tal-konvenuti magħluqa u ħalliet il-kawża għas-sottomissjonijiet tal-partijiiet[2].

Rat in-nota ġuramentata tal-konvenuti preżentata fis-27 ta' Novembru 2023[3] permezz ta' liema ammettew il-kawża.

[1] A fol 74.
[2] Ref verbal a fol 88.
[3] A fol 97.

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuti preżentaw nota permezz ta' liema bil-ġurament tagħhom ammettew il-kawża mingħajr kundizzjoni.

Illi l-Qorti tqis li t-talbiet attriċi ġew pruvati kif trid il-liġi b'l-ammissjoni inkondizzjonata tal-konvenuti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tilqa' it-talbiet attriċi kif dedotti,** bl-ispejjeż u l-imgħax legali kif mitluba kontra l-konvenuti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**